GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U
ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **30 ta' Novembru 2021** **Ref: DDLTS 39/2021**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **Family Coding 2021 (MT)**

---

Wara s-suċċess li kiseb id-Direttorat Għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva Family Coding, se jiġu organizzati numru t' attivitajiet relatati ma' din l-inizjattiva. L-għan tal-inizjattiva tal-Family Coding huwa li jħeġġeġ lill-ġenituri u t-tfal tagħhom jikkollaboraw biex isolvu numru ta' sfidi li għandhom x'jaqsmu mal-coding. Matul din l-inizjattiva l-ġenituri u t-tfal se jagħmlu użu kreattiv mit-tablet tal-iskola li ngħataw bħala parti mill-proġett One Tablet per Child. Din is-sena l-Family Coding se jsir online u kull parteċipant se jirċievi l-link biex jattendi l-attività.

Il-ġenituri/gwardjani li t-tfal tagħhom qegħdin fir-raba', il-ħames u s-sitt sena fl-iskola primarja huma eliġibbli biex japplikaw għall-attivitajiet tal-Family Coding. Matul l-attività ġenitur/gwardjan wieħed jista' jattendi mat-tifel/tifla tiegħu. Studenti mingħajr il-ġenituri/gwardjani ma jistgħux japplikaw għall-attività. Qabel jattendu l-attività l-istudenti għandhom jiċċarġjaw it-tablet. L-istess attività se tkun ripetuta matul din l-inizjattiva, għalhekk kull ġenitur/gwardjan għandu japplika għal attività waħda biss.

Għal aktar informazzjoni u biex tapplika għal Family Coding żur dan is-sit https://bit.ly/familycoding2021. Jekk għandek xi mistoqsijiet ikkuntattjana fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt jew żur is-sit elettroniku tagħna.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**